MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 226/2007

**Talba Nru: 226/07PBC**

**Pierre Carrabott**
**ID No. 516258(M)**

**Vs**

**Mario Fenech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u dan billi r-rikorrenti kien biegh vettura lill-intimat u wara li sar dan il-bejgh, l-intimat ma ridiex. Illi r-rikorrenti nkorra spejjez u danni ammontanti ghall-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300). Ghaldaqstant huwa talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmija tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti danni u spejjez li hareg.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-pretensjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont mitlub m'huwiex dovut ghaliex il-kontendenti ftehmu mod iehor minn dak li qieghed isemmi l-attur. Illi l-pretensjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-vettura in kwistjoni ma kienetx tal-kwalita' miftehma. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessa mil-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Pierre Carabott, Mario Fenech u ta' Mary Grace Fenech.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Martin Fenech ghall-attur u ta' Dr Edward Zammit Lewis ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Mario Fenech kellu vann li kien involut f'incident u li hu u l-attur ftehmu li l-konvenut ipartat dan il-vann mal-Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IAO 245 u l-konvenut izid is-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850).

Dak iz-zmien il-karozza Peugeot kienet iggaraxxjata u ghalhekk ftehmu wkoll li l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez necessarji sabiex il-vettura tigi *on the road* (i.e. licence plates u VRT) u kif ukoll l-*insurance* relattiva.

Il-partijiet ftehmu wkoll li l-Peugeot in kwistjoni tkun f'kundizzjoni tajba.

Mill-provi wkoll jirrizulta illi meta l-konvenut gabar il-karozza bl-intiza li jmur igib il-flus biex ihallas lill-attur, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza din bdiet tperpirlu w anki bdiet tigbed lejn ix-xellug u ghalhekk huwa hadha ghand *mechanic*. Il-*mechanic* ikkonferma l-ilmenti tal-konvenut u inoltre, zied jghid illi anki kien hemm hsara fil-magna billi kienet qeghda ddahhan u dan wara li vverifika z-zejt meta nehha d-*dip stick*. B'rizultat ta' dan,

il-konvenut mill-ewwel mar lura ghand l-attur infurmah li ma riedx il-karozza ghaliex din ma kienetx tajba. Il-partijiet flimkien marru dawra bil-karozza u din id-darba bdiet tinstaq mill-attur u l-attur hadu ghand *mechanic* iehor.

Dak il-hin dan il-*mechanic* ghaddha rimarka lill-attur u dak il-hin il-partijiet ftehmu li jhassru n-negozju ta' bejniethom. Il-konvenut mexa lura sal-garaxx ta' l-attur u l-attur saq il-vettura. Minn hemm il-konvenut ha lura l-vann tieghu.

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jigi rimbursat bl-ispejjez li nkorra sabiex jirregistra l-vettura fuq isem il-konvenut, jigbor il-*licence plates* u sabiex din tigi mghoddija mill-VRT tests u tigi debitament assigurata.

It-Tribunal jidhirlu li t-talbiet ta' l-attur m'humiex gustifikati. Bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' bejgh u l-attur bhala venditur kien obbligat li jbiegh prodott xieraq skond il-kwalita' pattwit. Huwa evidenti mill-provi illi l-vettura in kwistjoni ma kienetx ta' kwalita' tajba - tant illi wara li l-konvenut irrejalizza bl-istat difettuz tal-vettura, l-attur stess offra li jirranga l-karozza. Dan ma kienx il-ftehim bejn il-partijiet. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-vettura tkun tajba u mhux li din tissewwa wara.
It-Tribunal huwa mmeraviljat kif l-attur irnexxielu jgib VRT test pozittiv minkejja d-difetti allarmanti kif spjegati mill-konvenut – difetti li jidher li anki l-attur irrejalizza l-import taghhom tant illi mill-ewwel accetta li jiehu lura l-vettura u jaccetta li n-negozju jithassar.

Illi in vista tal-premess, l-ispejjez kollha li nefaq l-attur kienu rizultat tal-fatt illi l-vettura li kien ser ibiegh il-konvenut ma kienetx ta' kwalita' pattwit. Hu missu vverifika ezattament l-istat tal-vettura qabel ma pprova jbieghha lill-konvenut.

Dak li gara kien kollu tort ta' l-attur u l-attur ma jistax jibbaza t-talbiet tieghu fuq it-tort tieghu nnifsu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------